**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**Stefano Montebello detentur tal-karta tal-identita` 52585M**

***Kump. Nru. 495/2016***

Illum 20 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Stefano Montebello talli:

1. Nhar id- 19 u l-20 ta' Lulju, 2016, u fil-jiem ta' wara din id-data gewwa L-Imriehel u f' dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'rizoluzzjoni wahda, appropja ruħu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna oħra, minn ħaga ta' ħaddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga , jew servizz jew minhabba depozitu necessarju , u li giet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib mieghu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha specifikat, ghodda ghall-valur li jeċċedi l- € 2,329.37, ghad-dannu tal-kumpanija EHL Hire Shop u/jew persuni ohra.

2. Nhar is- 16 ta' Awissu, 2016, u fil-jiem ta' wara f' Hal-Lija u f' dawn il-Gzejjer appropja ruħu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna oħra, minn ħaga ta' ħaddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib mieghu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha specifikat, zewg laptops ghall-valur li jeċċedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tlett mijja u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Smart Technologies u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

3. Fl-istess, lok, hin u cirkostanzi : b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ li li jeċċedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tlett mijja u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Smart Technologies u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

4. Nhar is-7 ta' Settembru, 2016, gewwa Triq L-Imdina, Hal-Qormi, ikkometta serq ta' vettura tal-ghamla Rover liema serq huwa aggravat bil-valur li l jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tlett mijja u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Vincent Abela u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Fl-istess lok hin u cirkostanzi appropja ruħu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna oħra, minn ħaga ta' ħaddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu li jġib mieghu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha specifikat, vettura ghall-valur li jeċċedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tlett mijja u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Vincent Abela u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

Kif ukoll talli sar reċidivi b'diversi sentenzi mgħotija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma defenittivi u li ma jistghux jiġu mnaqsa jew mibdula skond Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2017, l-imputat irregistra ammissjoni fuq l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l- imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi t-tielet u l-hames imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghat-tieni u r-raba imputazzjoni rispettivament u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet.

Illi in kwantu ghal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali tieghu li ma hi xejn felici, tal-fatt li l-imputat hu mahkum mill-vizzju tad-droga w li r-reati minnhu komessi saru biex ikun f'posizzjoni jkompli jiffinanzja dan il-vizzju w ic-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 293, 294, 310(1)(a)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal erba u erbghin (44) xahar prigunerija.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna mehtiega biex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Kif ukoll il-Qorti tirrikmanda lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin sabiex Stefano Montebello jinghata l-ghajnuna kollha minnufih inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonoqs milli josserva l-ordni imposta fuqu llum.

Finalment il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**